## 5 ta' Marzu, 1965.

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Maria Stilon Depiro

*versus*

Giuseppa armla bin Salvatore Falzon, et.

**Art. 1653 Kodiċi Ċivili — Lokazzjoni — Sullokazzjoni — Modifikazzjonijiet u Benefikati fil-Fond.**

*Il-prinċipju enunċjat fl-Artikolu 1653 (1) tal-Kodiċi Ċivili m'għandux jiġi ntiż fis-sens li l-konduttur ma jista jagħmel l-ebda modifikazzjoni fil-fond, lanqas meta tkun neċessarja jew utili biex ikun jista jgawdi l-fond, u dan għaliex ġa la darba huwa għandu d-dritt juża u jgawdi l-fond għandu jkollu l-fakolta li jadottah għal konvenjenzi u għal bżonnijiet tiegħu, b'obbligu naturalment li jpoġġieh fl-istat li kien jekk ikun irid hekk il-lokatur.*

*Biex wieħed jara x'modifikazzjonijiet huma leġittimi jew le għandu jħares lejn iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.*

*Pero il-konduttur ma jkunx jista jagħmel lanqas dawn il-modifikazzjonijiet jekk il-kuntratt tal-lokazzjoni jevvjetahomlu.*

*Is-sullokazzjoni ma teżonerax lill-inkwilin mill-obbligazzjonijiet tiegħu lejn il-lokatur, u lanqas iċ-ċessjoni sakemm sid il-kera ma jkunx espressament ħeles lill-inkwilin mill-obbligazzjoni-*

*jiet tiegħu jew espressament għaraf lis-subinkwilin minflok l-inkwilin.*

Il-Qorti,

Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-"Board" li Jirregola l-Kera biex tieħu lura l-fond kommerċjali 21, Tower Road, Sliema, mikri lill-intimati, billi dawna kisru l-patti tal-lokazzjoni billi għamlu fil-fond alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsens tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-intimati;

Rat id-digriet tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru, 1964, li bih ġiet respinta t-talba tal-intimati għall-kjamata in kawża tas-subinkwilini tal-fond;

Rat is-sentenza mogħtija mill-"Board" fuq imsemmi fid-19 ta' Novemberu 1964, li biha t-talba ġiet milqugħa, bl-ispejjeż u ġie mogħti lill-intimati ż-żmien ta' erbgħin ġurnata biex jiżgombraw il-fond — wara li dak il-"Board" ikkunsidra:

Illi l-fatti a bażi ta' din il-kawża ma humiex in kwistjoni. Ir-rikorrenti permezz tal-iskrittura esibita, illokat lil Salvatore Falzon, awtur tal-intimati, il-fond in kwistjoni, u fil-patt numru 9 ġie stipulat illi "il-miljoramenti li jagħmel l-inkwilin jaderixxu għall-fond mingħajr dritt għall-kumpens fi kwalunkwe każ".

L-inkwilin ma jistax jagħmel alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsens bil-miktub tas-sid, u taħt id-direzzjoni tal-perit tagħha. Fl-istess kuntratt ġiet mogħtija l-fakolta lill-inkwilin li jissulloka għal darba biss dan il-fond, fakolta li huwa eserċita, billi l-fond jinsab attwalment sullo-

kat lill-"Wanderers Football Club." Fis-sajf li ħareġ il-barman li għandu l-bottegin tal-Club, bena kamra fil-bitħa ta' dan il-fond li kkomunika ma' kamra oħra, u b'hekk irrestringa l-area tal-bitħa. Biex sar dan ix-xogħol ma ġie ottenut ebda permess tar-rikorrenti, anzi jirriżulta illi meta żmien qabel dan il-barman kien talab il-permess biex jagħmel hekk lil waħda mill-intimati u dina kienet avżatu illi r-rikorrenti ma kienetx tagħtu l-permess li jagħmel dana;

Illi mill-fatt li fil-kondizzjoni sottoeżami hemm stipulat illi "il-miljoramenti li jagħmel l-inkwilin jaderixxu għall-fond mingħajr dritt ta' kumpens fi kwalunkwe każ" l-intimati ssottomettew illi għandha ssir distinzjoni bejn "benefikati", "alterazzjonijiet strutturali", fis-sens li dina l-klawsola tagħti l-fakolta lill-inkwilin li jagħmel alterazzjonijiet li jkunu miljoramenti mingħajr ma jottieni dak il-permess, għax diversament din il-klawsola kienet tkun inutili. Din id-distinzjoni, fl-opinjoni tal-Bord ma hix aċċettabili, u dina l-klawsola kienet anzi neċessarja preċisament in vista tad-diviet li jsiru alterazzjonijiet mingħajr l-kunsens tas-sid. Infatti l-art. 1653 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi l-inkwilin ma għandux id-dritt jirrepeti mingħand il-lokatur il-valur tal-miljoramenti magħmula mingħajr il-kunsens tiegħu. Kwindi, għal dawk l-alterazzjonijiet li jikkostitwixxu miljoramenti u li r-rikorrenti talvolta tkun awtorizzat, skond ir-regoli komuni l-inkwilin kien ikollu d-dritt għall-ispejjeż *minnu erogati sal-limiti tal-awment tal-valur tal-fond arrekat* bil-miljoramenti; u għalhekk dik il-klawsola kienet neċessarja appuntu biex tistabilixxi illi għal dawk il-miljoramenti magħmula bil-permess tas-sid l-inkwilin ma jkollu ebda dritt ta' kumpens, u anqas li jkun jista joħodhom billi jirrimetti l-fond fl-istat ta' qabel, kif jista jkollu skond il-kapovers tal-istess artikolu.

Illi ma jistax ikun hemm dubbju illi x-xogħol li sar fil-

fond jikkostitwixxi alterazzjoni strutturali, u ma hix aċċettabili t-tesi tal-intimati illi l-kelma alterazzjoni strutturali għandha tiġi ristretta għall-kampjamenti fil-bini (structures) eżistenti u ma tikkomprendix anke li jsir bini ġdid, għaliex il-fatt li minn bitħa ssir kamra jbiddel l-istruttura tal-oġġett lokat. Anqas huwa utili li wieħed jara jekk dawn l-alterazzjonijiet humiex vantaġġusi jew le, għax kif anke esprimiet ruħha l-Qorti tal-Appell in re "Cassar vs. Pace Axiak" (11.8.56) "l-inkwilin mingħajr il-kunsens tas-sid ma jistax jagħmel ebda alterazzjoni anke jekk tkun vantaġġusa." Għalhekk "multo magis" meta dan ikun vietat espressament fil-kuntratt ta' lokazzjoni.

Illi anqas huwa rilevanti l-fatt illi l-alterazzjonijiet saru mis-subinkwilin u mhux mill-intimati, għax dawna huma responsabbli di fronti għar-rikorrenti għall-fatti tas-subinkwilini tagħhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati li bih talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li tiġi miċħuda t-talba *tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra* tagħha;

Rat ir-risposta tal-appellat "nomine" li ssottometta illi dik is-sentenza hija ġusta u jistħoqqila li tiġi konfermata, bl-ispejjeż;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża;

Semgħat lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

L-appellanti, fir-rikors u fit-trattazzjoni orali tal-appell, svolġew iċ-ċensuri tagħhom kontra s-sentenza tal-"Board"

fuq riferita — il rriteniet li huma għamlu fil-fond alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsens tal-appellata u b'hekk naqqsu jesegwixxu l-kondizzjonijiet tal-kiri — f'erba motivi, jiġifieri:

a) Il-għaliex ix-xogħolijiet li saru fil-fond ma jammontawx għal dawk l-alterazzjonijiet strutturali li skond il-paragrafu 9 ta' l-iskrittura tal-lokazzjoni l-inkwilin ma setax jagħmel mingħajr il-konsens bil-miktub tas-sid u taħt id-direzzjoni tal-perit ta' l-istess sid;

b) il-għaliex, avut rigward għall-użu li għalih il-fond ġie lokat — biex jiġi adibit għal "club" — il-modifikazzjonijiet li saru għandhom jiġu konsiderati leġittimi billi neċessarji ħalli jitkabbar il-"bar" tal-każin;

c) il-għaliex dawk il-modifikazzjonijiet huma ta' entita żgħira;

d) il-għaliex ma sarux minnhom imma mis-subinkwilin u ad insaputa tagħhom.

Fuq l-ewwel motiv. — Il-fatti li taw lok għal kawża qegħdin sewwa riassunti fis-sentenza li minnha hemm appell u ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti. L-appellanti jippretendu li x-xogħolijiet li saru fil-fond konsistenti f'bini ta' kamra fil-bitħa tiegħu li ġiet komunikata ma' kamra oħra ġja esistenti, m'għandhomx jiġu konsiderati bħala alterazzjonijiet strutturali imma bħala żieda ma' l-istruttura li ġja kien hemm, u kwindi miljorament li seta jiġi apportat għall-istess fond billi fl-imsemmi patt 9 ta' l-iskrittura tal-lokazzjoni, fejn hemm id-diviet ta' "alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-konsens bil-miktub tas-sid u taħt id-direzzjoni tal-perit tagħha", jgħid, qabel, illi l-miljoramenti li jagħmel l-inkwilin jaderixxu għall-fond mingħajr dritt għall-kompens

f'kwalunkwe każ. Dana għandu juri—jgħidu l-appellanti—illi l-kontraenti għamlu distinzjoni bejn miljoramenti u alterazzjonijiet strutturali u li riedu illi l-konsens bil-miktub tas sid ikun rikjest biss għall-alterazzjonijiet strutturali u mhux għal miljorji li setgħu liberament isiru bil-konsegwenza pero li l-konduttur li jkun għamilhom ma jkollux dritt li jiġi rikompensat għalihom. Kieku ma kienx hekk; kieku l-inkwilin ma kellux id-dritt li japporta miljoramenti — jgħidu l-appellanti — kienet tkun inutili l-istipulazzjoni illi l-inkwilin ma jkollux dritt, f'kwalunkwe każ, għal kompens għal miljoramenti.

Dana l-ewwel motiv ma jisħoqqlux li jiġi milqugħ. Osservat sewwa a propositu s-sentenza appellata illi l-argoment tal-appellanti ma jistax jiġi sostnut billi d-distinzzjoni minnhom magħmula hija għal kollox arbitrarja u mingħajr fondament hu l-argoment li minn dik id-distinzjoni huma ħolqu fis-sens illi kien ikun inutili l-patt li għal miljoramenti li l-konduttur ikun għamel ma jkollux dritt għal kompens terminata l-lokazzjoni; inveru, kif sewwa osserva il-"Board" dik il-klawsola kienet neċessarja billi s-sid seta jagħti l-permess għal xi alterazzjonijiet konsistenti f'miljoramenti u allura mingħajr dak il-patt l-inkwilin skond il-liġi ma kienx ikun obbligat jħallihom fil-post mingħajr ma jirċievi kompens għalihom billi fl-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 1653 tal-Kodiċi Ċivili jingħad illi l-konduttur li jagħmel miljoramenti mingħajr il-konsens tas-sid m'għandux dritt jitlob il-ħlas lura tal-valur tagħhom u kwindi "a contrario senso" jekk ikun għamel il-miljoramenti bil-konsens tas-sid ikollu d-dritt jitlob il-ħlas lura tal-valur tagħhom li l-liġi ma tgħidx kemm huma u b'liema kriterju għandu jiġi likwidat; iżda skond il-prinċipju prevalentement segwit mill-ġurisprudenza tagħna — fejn, pero, hemm pronunċjamenti li segwew diversi teoriji — il-lokatorju għandu d-dritt għas-somma li hi lanqas bejn in-nefqa (li tista wkoll tiġi kalkola-

ta fuq il-valur tal-miljoramenti fiż-żmien tar-restituzzjoni) u l-miljorat, salva dejjem il-fakolta tal-Qorti li tadotta temperament ekwitativ bażat fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ (Collez. XXIX, p. II, paġ. 501 u XXXVIII, III, 683).

Fuq it-tieni motiv. — L-appellanti jippretendu illi nonostante d-diviet fuq riferit il-modifikazzjoni li ġiet apportata għall-fond setgħat liberament issir għaliex il-fond ġie lokat biex jiġi wżat bħala każin u l-alterazzjoni li saret kienet intiża biex twessa l-"bar" tal-każin u kwindi biex il-ħaġa lokata tiġi adattata għall-użu li minnha leġġittimament seta jsir.

Huwa veru li skond il-ġurisprudenza tagħna, bażata fuq id-dottrina u l-ġurisprudenza taljana u franċiża dwar il-kwistjoni tal-innovazzjonijiet fil-fond lokat, bażati dawna fuq artikoli ta' liġi sostanzjalment bħal tagħna, il-prinċipju enunċjat fl-artikolu 1653 (1) tal-Kodiċi Ċivili fis-sens li "Il-kerrej, ma tul il-kiri, ma jista jagħmel ebda tibdil fil-ħaġa mikrija mingħajr il-konsens tas-sid" m'għandux jiġi intiż fis-sens li l-konduttur ma jista jagħmel l-ebda modifikazzjoni fil-fond, lanqas meta tkun neċessarja jew utili biex ikun jista jgawdi l-fond, u dan għaliex ġa la darba huwa għandu d-dritt juża u jgawdi l-fond għandu jkollu l-fakolta li jadottah għal konvenjenzi u għall-bżonnijiet tiegħu, b'obbligu naturalment li jpoġġih fl-istat li kien jekk ikun irid hekk il-lokatur; u biex wieħed jara x'modifikazzjonijiet huma leġittimi jew le għandu jħares lejn iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u, speċjalment, għall-professjoni, arti jew mestier tal-konduttur; għall-użu li għalih ikun ġie mikri l-fond; għall-konsens espress jew taċitu tal-lokatur, u anke għall-epoka li fiha jkunu saru l-modifikazzjonijiet billi, kif kiteb Pacifici Mazzoni, ċitat fis-sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Vol. XXV, parte 1, pag. 2, tal-kollezzjoni: "Il-progresso nelle sue infinite forme puo esigere che si giudi-

chi oggi o domani modificazione legittima quella che ieri appariva illegittima."

Hu ċert, pero — hekk jirritieni l-maġġur parti tal-awturi — illi l-modifikazzjonijiet li l-inkwilin, skond dak li jingħad, hu fakoltizzat jagħmel huma biss dawk li jkunu jistgħu jiġu konsidrati ta' importanza żgħira biex ibiddlu l-fisionomia tal-fond lokat u jkunu fl-istess ħin faċilment riparabili meta tispiċċa l-lokazzjoni u Baudry-Lacantinerie jżid li jkunu jistgħu jiġu konsiderati abitwali (Della locaz. Vol. I, 440).

Inoltri, lanqas dawn il-modifikazzjonijiet il-konduttur ma jkun jista jagħmel jekk il-kontratt tal-lokazzjoni jivvietahomlu kif fil-fatt ġew vietati fil-kontratt bejn il-kontendenti relativ għal lokazzjoni tal-fond fil-kwistjoni in forza ta' l-imsemmija klawsola 9;

Fil-każ preżenti lanqas ma jista jingħad li nonostante d-diviet kontenut f'dik il-klawsola jista jagħmilhom għaliex dik il-klawsola ma tagħmilx ħlief tipproduċi t-termini talliġi billi mhux hekk, għaliex dik il-klawsola tesiġi l-konsens bil-miktub u li l-alterazzjoni li għaliha jkun ġie mogħti dak il-permess isir taħt id-direzzjoni ta' perit magħżul mis-sid.

Fuq it-tielet motiv. — Ċertament l-appellanti ma eċċepewx l-importanza żgħira tax-xogħolijiet li saru kontra l-applikazzjoni tal-patt kommissorju taċitu l-għaliex hawn m'aħniex f'tema ta' risoluzjoni ta' kontratt; inveru d-domanda mhix għar-risoluzzjoni tal-kontratt tal-lokazzjoni minħabba n-nuqqas ta' soddisfaċement ta' l-obbligazzjoni tal-parti l-oħra, imma hija inveċi intiża biex timpedixxi t-tiġdid tal-lokazzjoni — magħluq iż-żmien — għal waħda mir-raġunijiet li fir-rikorrenza tagħhom il-liġi li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini tippermetti lis-sid jirrifjuta li jġed-

ded il-lokazzjoni u, bil-permess tal-"Board" mwaqqaf b'dik l-istess liġi, jieħu lura l-possess tal-fond

Skond il-liġi ċivili l-kondizzjoni risolutiva, dejjem sottintiża fil-kontratti bilaterali fil-każ li waħda mill-partijiet ma tkunx adempit l-obbligazzjoni tagħha, ma tipproduċix l-annullament "di pieno diritto" imma l-parti li lejha ma tkunx ġiet esegwita l-obbligazzjoni għandha l-għażla jew li tikkostrinġi l-parti l-oħra għall-adempiment tal-kontratt, meta dan ikun possibbli, jew li titlob ix-xoljiment, oltre ir-risarċiment tad-danni fiż-żewġ każijiet. Pero, għall-motivi ta' ekwita l-liġi tammetti illi l-awtorita ġudizzjarja tirrespinġi t-talba meta l-inesekuzzjoni ma tkunx imputabili għall-parti inadempienti, jiġifieri meta dina ma tkunx fi stat ta' ħtija imma *tkun ġiet impedita tadempixxi l-obbligazzjoni* minħabba forza maġġuri, u meta l-inesekuzzjoni ma tkunx biżżejjed gravi biex tilleġittima r-riżoluzzjoni tal-kontratt, u għal dan ir-rigward id-dottrina u l-ġurisprudenza tagħmel distinzjoni wisq razzjonali bejn klawsoli prinċipali u klawsoli aċċessorji u tiddeċiedi illi l-vjolazzjoni ta' xi waħda minn dawn il-klawsoli aċċessorji mhix motiv ta' annullament tal-kontratt imma biss kawża għall-otteniment tad-danni. Għall-istess motivi ta' ekwita l-liġi tammetti wkoll illi l-awtorita ġudizzjarja tista tikkonċedi lill-konvenut, skond iċ-ċirkostanzi, dilazzjoni biex jesegwixxi l-obbligazzjoni.

Kif ġja ġie rilevat, il-każ preżenti mhux wieħed li fih qiegħed jiġi applikat il-patt kommissorju taċitu; imma l-appellanti forsi jippretendu illi temperament simili, għal dak li hu nuqqas ta' gravita fl-inesekuzzjoni tal-obbligazzjoni, jista u għandu jiġi applikat fil-każ preżenti ta' rifjut ta' tiġdid tal-lokazzjoni minħabba l-inesekuzzjoni tal-kondizzjonijiet tagħha. Ġja ngħad ukoll illi r-regoli u t-teorija tal-patt kommissorju taċitu ma jistgħux jiġu proprjament

trasportati f'dan il-kamp l-ieħor għaliex it-teorija fuq ċitata mhix fondata biss fuq l-ekwita imma għandha wkoll i-appoġġ tagħha fuq il-presunta intenzzjoni tal-partijiet u f'dan il-każ il-volonta tal-partijiet ma tidħolx; tgħodd biss l-intenzzjoni tal-leġislatur li esprimiha biżżejjed kjarament bil-kliem "ma jkunx esegwixxa l-kondizzjonijiet tal-kiri", mingħajr distinzjoni bejn klawsoli prinċipali u klawsoli aċċessorji u mingħajr temperamenti; imma anke jekk wieħed kellu, avut rigward għall-motivi speċjali tal-liġi li ma tridx ir-rifjut tas-sid għat-tiġdid tal-lokazzjoni ħlief f'każijiet eċċezzjonali minnha tassativament stabbiliti, jammetti temperament meta l-inkwilin jitlef id-dritt għar-rilokazzjoni minħabba li jkun naqas jadempixxi l-kondizzjonijiet tagħha, temperament fis-sens li m'għandux jitlef dak id-dritt meta l-inesekuzzjoni tkun ta' xi kondizzjoni aċċessorja jew ta' importanza żgħira, fil-każ preżenti l-kondizzjoni li ġiet miksura — għemil ta' alterazzjoni strutturali — projbita mis-sid fil-kontratt mingħajr il-konsens tagħha u minnha rifjutata meta ġie mitlub il-konsens tagħha għaliha — konsistenti f'bini ta' kamra li timporta t-tbiddil f'kamra ta' parti mill-bitħa, ma tistax tiġi konsiderata ta' entita żgħira u lanqas ma tista tiġi konsiderata ta' importanza żgħira l-klawsola li tipprojbiha billi tiswa ħafna biex tiġi stabbilita l-importanza tal-kondizzjoni l-volonta tal-parti li esiġitha l-għaliex jekk jidher probabbli illi l-appellata ma kienitx tikkontratta l-lokazzjoni mingħajr dik il-kondizzjoni l-istess ma tistax tiġi konsiderata ta' importanza sekondarja, u jidher li l-appellata tagħta importanza mhux traskurabili billi esiġit ukoll illi l-konsens tagħha għal kull alterazzjoni jkun jirriżulta mill-miktub u li l-alterazzjoni permessa ssir taħt id-direzzjoni ta' perit ta' fiduċja tagħha.

Lanqas dan it-tielet motiv ma hu kwindi aċċettabili.

Fuq ir-raba motiv. — Il-fatt illi l-alterazzjoni struttu-

rali fil-fond ma saritx mill-appellanti imma mis-subinkwilin tagħhom ma tistax tiġġjovahom biex jevitaw il-konsegwenzi derivanti mill-għemil tagħha u dan għaliex kif wieħed faċilment jirikava mill-kompless tad-dispożizzjonijiet tal-liġi regolanti s-sullokazzjoni (u ċ-ċessjoni tal-kera flimkien), is-sullokazzjoni ma teżonerax lill-inkwilin mill-obbligazzjonijiet tiegħu lejn il-lokatur, u lanqas iċ-ċessjoni sakemm sid il-kera ma jkunx espressament ħeles lill-inkwilin mill-obbligazzjonijiet tiegħu jew espressament għaraf lis-subinkwilin minflok l-inkwilin; u, inveru is-sullokaturju jsir lokatorju ta' l-ewwel konduttur u mhux tal-lokatur, u, kwantu għaċ-ċessjoni, hija regola li ħadd ma jista, mingħajr il-konsens tal-kreditur, jeżonera ruħu mill-obbligazzjonijiet tiegħu u ċ-ċessjoni, għalhekk, taħt "il-punto di vista" tal-obbligazzjonijiet tal-konduttur, hija assimilata għas-sullokazzjoni, u dan anke jekk il-lokatur ikun ta' l-konsens tiegħu għas-sullokazzjoni jew interviena għaċ-ċessjoni sakemm ma jkunx espressament ħeles lill-inkwilin jew għaraf minfloku s-subkonduttur

Lanqas dan l-aħħar motiv kwindi ma jista jiġi milqugħ.

Għaldaqstant tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż, b'dan li ż-żmien għall-iżgumbrament tal-fond da parti ta' l-appellanti jkun ta' tliet xhur dekorribili mill-lum.